**DEĊIŻJONI LI ILMENT MA JIĠIX INVESTIGAT**

| | |
|---|---|
| **Ilment Nru:** | 134 |
| **Allegazzjoni:** | Nuqqas ta' attendenza fil-Parlament da parti tal-Ministru Aaron Farrugia sabiex jevita li jwieġeb mistoqsijiet parlamentari |
| **Ilmentatur:** | Dr Robert Aquilina f'isem l-għaqda Repubblika |
| **Data tal-Ilment:** | 18 ta' Novembru 2022 |
| **Data ta' Din id-Deċiżjoni:** | 4 ta' April 2023 |

**L-Ilment**

1. Fit-18 ta' Novembru 2022, Dr Robert Aquilina (l-Ilmentatur), fil-kapaċità tiegħu bħala president tal-għaqda voluntarja Repubblika, kiteb lil dan l-uffiċċju u qal:

> *Qed inressaq ilment dwar l-imġieba tal-Ministru Aaron Farrugia nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru fejn ma daħalx fil-Kamra tad-Deputati fejn kien imissu jwieġeb domandi parlamentari. Ftit sigħat qabel, kien imxandar filmat li juri abbuż gravi minn impjegati ta' Transport Malta, li taqa' taħt il-ministeru tiegħu.*
>
> *Jidhrilna li dan l-aġir huwa nuqqas gravi u ksur serju tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministru u s-Segretarji Parlamentari, aktar u aktar meta mezzi tax-xandir indikaw li huwa kien fil-bini tal-Parlament (ara link).*

2. Hawnhekk l-Ilmentatur għamel referenza għal rapport ippubblikat mill-ġurnal *Times of Malta* fil-15 ta' Novembru 2022 u intitolat "*Minister Absent as MPs Raise Assault Case in Parliament*".[1]

3. L-Ilmentatur għamel referenza wkoll għall-artikoli 4.2, 4.3, 4.4, 9.1 u 9.2 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

4. L-ilment huwa anness ma' din id-deċiżjoni bħala d-Dokument A.

**Il-Kuntest**

5. Fil-15 ta' Novembru 2022, ixxandar filmat li allegatament juri żewġ uffiċjali ta' Transport Malta jagħtu daqqiet lil persuna mimduda f'nofs ta' triq. Ingħad li l-filmat kien ittieħed fi Triq Ħal Qormi, il-Marsa, fis-26 ta' Ottubru 2022. F'kummenti li taw lill-midja, sew Transport Malta u sew il-pulizija qalu li fetħu investigazzjoni dwar dan il-każ.[2]

6. Ir-rapport inizjali tal-15 ta' Novembru 2022 mit-*Times of Malta* dwar dan il-każ, intitolat "*Watch: Shocking Video Shows Transport Malta Officials Beating Up Motorist*", jinkludi filmat tal-Onor. Dr Aaron Farrugia, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, hu u dieħel il-Parlament, fejn ġie mwaqqaf minn ġurnalist li talbu jikkummenta. Fil-kummenti tiegħu f'dan il-filmat il-Ministru Farrugia qal li huwa diġà kien ikkundanna l-inċident, u ħabbar li ż-żewġ uffiċjali involuti kienu ġew sospiżi sakemm isiru l-investigazzjonijiet neċessarji.[3]

7. Dakinhar il-Ministru Farrugia kien imissu jwieġeb mistoqsijiet fil-Parlament dwar ix-xogħol tal-ministeru tiegħu. Madankollu, huwa ma kienx preżenti għall-mistoqsijiet. Beda jwieġeb il-mistoqsijiet għan-nom tiegħu l-Onor. Dr Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

---

1 Aċċessibbli minn https://timesofmalta.com/articles/view/minister-absent-mps-raise-assault-case-parliament.994971.

2 Ara https://lovinmalta.com/news/watch-transport-malta-officials-filmed-beating-up-man-lying-down-on-the-road-in-marsa/.

3 Ara https://timesofmalta.com/articles/view/watch-shocking-video-shows-transport-malta-officials-beating-motorist.994935.

8. F'dan il-punt l-Onor. Robert Cutajar, deputat min-naħa tal-oppożizzjoni, staqsa għalfejn il-Ministru Farrugia ma kienx preżenti. Il-Ministru Bonnici wieġeb li kien "*qiegħed impenjat f'xogħol uffiċjali tal-Gvern*". Dan ġie korroborat mill-Onor. Dr Andy Ellul, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali u Whip tal-gvern.

9. B'risposta għal dan, diversi deputati min-naħa tal-oppożizzjoni pprotestaw li l-Kamra kienet qegħda tiġi żgwidata għaliex il-Ministru Aaron Farrugia kien deher fil-bini tal-Parlament. L-Onor. Cutajar talab ruling mingħand l-Ispeaker dwar l-assenza tal-Ministru Farrugia. L-Onor. Cutajar stieden lill-Ispeaker jivverifika jekk il-Ministru Farrugia kienx daħal fil-bini.

10. L-Ispeaker, l-Onor. Dr Anġlu Farrugia, ta r-ruling tiegħu l-għada, is-16 ta' Novembru 2022. Fost affarijiet oħra l-Ispeaker qal:

> *Is-Sedja kkonstatat li fil-mument li l-Ministru Owen Bonnici u s-Segretarju Parlamentari Andy Ellul informaw lill-Kamra li l-Ministru kien fuq xogħol uffiċjali, ma kellhomx l-intenzjoni li jiżgwidaw lill-Kamra.* [...]
>
> *Dwar it-talba għar-ruling, is-Sedja kkonstatat li għall-ħabta tal-4.20 p.m. – kif intqal mill-Onor. Ryan Callus u kkonfermat minn xi Membri tal-Oppożizzjoni – jidher li l-Ministru Aaron Farrugia kien fil-bini tal-Parlament.*[4]

11. L-Ispeaker ikkwota l-artikoli 4.2 sa 4.4 u 9.1 sa 9.5 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Ikkwota wkoll il-preambolu tal-istess kodiċi. L-Ispeaker osserva li kien hemm diversi drabi fejn ministru wieġeb mistoqsijiet parlamentari f'isem ministru ieħor, iżda f'dan il-każ il-Ministru Farrugia kien fl-inħawi tal-Parlament. L-Ispeaker kompla jgħid:

> *Is-Sedja filwaqt li tinnota li m'għandix poter li tordna li Ministru jkun fil-Kamra u li l-infurzar tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari ma jispettax lilha skont l-istess Kodiċi u skont l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, xorta waħda tħoss li għandha tiġbed l-attenzjoni ta' kull Ministru għal dak li huwa mistenni minnu* [...]

---

[4] Ruling nru 8 tal-Erbatax-il Leġiżlatura, paġni 2–3. Ir-ruling huwa aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/119527/s54-16112022-assenza-ta-ministru-waqt-il-hin-tal-mistoqsijiet.pdf.

*Dwar il-każ li għandha quddiema, is-Sedja hija tal-fehma li dan huwa nuqqas, jekk kemm-il darba mhux il-każ li l-Ministru ma setax jidħol fil-Kamra għal raġunijiet ta' xogħol urġenti aktar milli jkun preżenti fil-Parlament. Għalhekk is-Sedja tixtieq tibgħat messaġġ ċar lil kull Ministru li jkollu d-domandi parlamentari x'jirrispondi fl-aġenda li tkun diġà a konoxxenza tiegħu u tenfasizza l-importanza li dawn il-Ministri jkunu preżenti fil-Kamra.* [...] *Ladarba l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra ma jagħtux il-poter lis-Sedja li teżiġi lill-Ministru biex ikun fil-Kamra is-Sedja għandha tiġi informata minn qabel dwar ir-raġuni tal-assenza tal-Ministru skont dak li jgħid l-istess Kodiċi ta' Etika.*[5]

12. Fil-21 ta' Novembru 2022, il-Ministru Aaron Farrugia bagħat email lill-Ispeaker, ikkopjata lill-Whip tal-gvern, biex jgħid li ħa nota tar-ruling u biex jispjega għalfejn ma kienx preżenti fil-Parlament. Huwa qal:

*It-Tlieta 15 ta' Novembru filgħodu nfurmajt lill-whip li f'każ li kont se nkun l-ewwel fil-lista tal-mistoqsijiet parlamentari kienet se tkun diffiċli għalija nasal dak il-ħin minħabba impenji oħra li kelli skedati għal diversi gimgħat. Fl-4.20pm kien imissni wkoll nieħu sehem f'laqgħa importanti fil-Belt stess.*

*Irnexxieli nasal il-Belt Valletta qabel il-ħin tal-laqgħa u għalija kien naturali li f'dan il-ħin nattendi l-Parlament, fejn wasalt ftit wara l-4.00pm. Barra l-Parlament sibt ġurnalisti li talbuni nwieġeb dwar tema ta' importanza li kienet fl-aħbarijiet u għalkemm kont diġà tajt tweġibiet dwarha ħassejt li kelli nieqaf inwieġeb lil dan il-ġurnalist ukoll, f'dan il-każ tat-Times of Malta.*

*X'ħin lestejt dħalt il-Parlament fejn anke waqaft nitkellem ma' kollegi tiegħi u hawn irrealizzajt li kien qed jagħfas il-ħin biex immur għall-impenn li kelli jibda fl-4.20pm.*

*Kien preċiżament għalhekk li ma dħaltx fil-kamra dak il-ħin. Eventwalment erġajt ġejt il-Parlament x'ħin dik il-laqgħa ntemmet.*[6]

---

[5] Paġni 5 u 6 tar-ruling tal-Ispeaker tas-16 ta' Novembru 2022.

[6] Din l-email tqegħdet fuq il-mejda tal-Kamra u hija aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/119711/00914.pdf.

**Konsiderazzjonijiet dwar l-Ammissibilità tal-Ilment**

13. Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' qabli ikkunsidra numru ta' ilmenti dwar l-imġiba ta' deputati fil-Parlament iżda għażel li ma jinvestiga ebda wieħed minn dawn l-ilmenti. F'kull każ il-Kummissarju kkonkluda li huwa l-Ispeaker li għandu s-setgħa jirregola l-imġiba ta' deputati fil-Parlament u l-Kummissarju m'għandux jissindika d-deċiżjonijiet tal-Ispeaker.

14. F'wieħed minn dawn il-każi, il-Kummissarju ta' qabli ddeċieda li m'għandux jinvestiga ilment dwar l-assenza ta' deputat mill-Parlament għaliex din l-assenza kienet ġiet awtorizzata mill-Ispeaker skont l-ordnijiet 157 u 158 tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati:

> [...] *huwa l-Ispeaker tal-Parlament li għandu d-diskrezzjoni li japprova assenzi, anki jekk b'mod retroattiv, u li jaċċetta evidenza li deputat kien assenti minħabba mard. Jiena tal-fehma li bħala regola ġenerali m'għandix nissindika l-eżerċizzju mill-Ispeaker tad-diskrezzjoni tiegħu, u għalhekk m'għandix nidħol fil-merti tad-deċiżjoni li ttieħdet fir-rigward tal-ammessibilità tal-evidenza pprovduta lilu* [...]
>
> *Ġaladarba din l-assenza ġiet approvata mill-Ispeaker, m'hemm ebda bażi fuqiex tista' titqies bħala ksur ta' etika.*[7]

15. F'każ ieħor il-Kummissarju ta' qabli ma investigax ilment li ma ġietx imwieġba mistoqsija parlamentari, minkejja li l-Ispeaker kien qal li ma seta' jieħu ebda azzjoni dwar dan il-każ:

> *12.* [...] *Huwa l-Ispeaker li għandu jiddetermina jekk risposta għal mistoqsija parlamentari hix sodisfaċenti, u jiena m'għandix nissindika l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu fil-qadi ta' dan l-irwol.*
>
> *14.* [...] *l-Ispeaker qiegħed jinterpreta l-Ordnijiet Permanenti, li huma l-mekkaniżmu legali li jirregola x-xogħol tal-Parlament. Jekk l-Ispeaker m'għandux is-setgħa jirregola risposti għal mistoqsijiet parlamentari, dan jista' jitqies li jirrifletti nuqqas fl-Ordnijiet Permanenti fis-sens li ma jagħtuhx it-tali setgħa. Dan in-nuqqas (li donnu jirrifletti nuqqas simili fl-Ordnijiet Permanenti tar-Renju Unit) jista' jiġi rimedjat permezz ta'*

[7] Deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2020 li m'għandux jiġi investigat l-ilment nru 044.

*emendi fl-Ordnijiet Permanenti, u ma jagħtix lok biex jiena nintervjeni f'qasam li jaqa' taħt l-awtorità tal-Ispeaker.*[8]

16. Minkejja dawn il-preċedenti, ma nistax neskludi għal kollox li nidħol f'każi li jinvolvu aġir jew nuqqas ta' aġir ta' ministri fil-Parlament, bħall-każ taħt konsiderazzjoni hawn. Ir-raġunijiet għal dan huma dawn li ġejjin.

17. Kif jirrikonoxxi l-Ispeaker fir-ruling tiegħu tas-16 ta' Novembru 2022, hemm numru ta' dispożizzjonijiet fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li jirregolaw l-imġiba tal-ministri fil-konfront tal-Parlament. Fost oħrajn, l-artikoli 4.2, 4.3 u 4.4 jgħidu hekk:

*4.2 Individwalment il-Ministri huma responsabbli lejn il-Parlament għad-deċiżjonijiet, policies u azzjonijiet tagħhom u tad-dipartimenti u l-aġenziji li jaqgħu fid-dekasteri tagħhom.*

*4.3 Konsegwentement il-Ministri għandhom jagħtu informazzjoni korretta lill-Parlament u għandhom jikkoreġu mal-ewwel opportunità possibbli xi żbalji jew ineżattezzi li jkunu saru b'nuqqas ta' ħsieb.*

*4.4 Il-Ministri għandhom bl-aktar mod possibbli jkunu miftuħa fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament u lill-pubbliku inġenerali.*

18. Fir-ruling tiegħu l-Ispeaker jgħid ukoll li "*l-infurzar tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari ma jispettax lilha* [lis-Sedja, jiġifieri lill-Ispeaker] *skont l-istess Kodiċi u skont l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika*".[9]

19. Permezz ta' dan ir-ruling, l-Ispeaker effettivament qed jirrikonoxxi li:

(a) il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari japplika għall-imġiba tal-ministri fil-Parlament daqs kemm japplika għall-imġiba tagħhom barra mill-Parlament; u

(b) il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jibqa' risponsabbli għall-infurzar tal-Kodiċi anki fir-rigward tal-imġiba tal-ministri fil-Parlament.

8 Deċiżjoni datata 21 ta' Mejju 2021 li m'għandux jiġi investigat l-ilment nru 076.

9 Ruling tas-16 ta' Novembru 2022, paġna 5.

20. Fid-dawl ta' dan ir-ruling, id-deċiżjonijiet ikkwotati fuq tal-Kummissarju ta' qabli jistgħu iwasslu għal sitwazzjonijiet fejn sew l-Ispeaker u sew il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jagħżlu li ma jidħlux f'każ sabiex iħarsu l-ġurisdizzjoni ta' xulxin. Sitwazzjonijiet bħal dawn naturalment għandhom jiġu evitati.

21. Għalhekk ma nistax inqis id-deċiżjonijiet ikkwotati fuq tal-Kummissarju ta' qabli bħala preċedenti li għandhom jorbtu invarjabbilment f'kull każ li jinvolvi l-aġir jew in-nuqqas ta' aġir ta' ministru fil-Parlament. Id-deċiżjoni dwar jekk għandix ninvestiga każ tali għandha tittieħed fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

22. Madankollu, bħall-Kummissarju ta' qabli nibqa' bil-ħsieb li bħala regola ġenerali m'għandix nissindika id-deċiżjonijiet tal-Ispeaker. Din il-konsiderazzjoni tista' tkun partikularment importanti f'każi fejn japplikaw fl-istess waqt il-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari u l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati.

23. Fid-dawl ta' dan, wieħed jista' jgħaddi biex jikkunsidra jekk il-każ preżenti jimmeritax investigazzjoni taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika minħabba ksur ta' etika potenzjali.

24. Il-każ preżenti huwa wieħed fejn japplikaw fl-istess waqt il-Kodiċi ta' Etika u l-Ordnijiet Permanenti. L-artikolu 9.1 tal-Kodiċi jgħid hekk:

> *Meta jkun qed jiltaqa' l-Parlament, huwa d-dmir tal-Ministri li jattendu s-seduti parlamentari* [...]. *Meta Ministru jkun imsiefer jew ma jkunx jista' jattendi seduti parlamentari minħabba mard, l-Ispeaker tal-Kamra għandu jiġi mgħarraf.*

25. L-ordni 158 tal-Ordnijiet Permanenti jgħid hekk:

> *Membru jiġi skużat mis-servizz tal-Kamra jew minn fuq kull kumitat tagħha sakemm ikollu permess ta' assenza mill-Ispeaker.*
>
> *Dawk il-Membri li jkunu fuq xogħol tal-Kamra, tal-Grupp Parlamentari jew fuq xogħol uffiċjali tal-partit, u Ministri u Segretarji Parlamentari li jkunu fuq xogħol tal-Gvern, u Membri Parlamentari li jakkumpanjaw Ministru jew Segretarju Parlamentari fuq xogħol tal-Gvern barra minn Malta, ikunu mniżżla fil-minuti tal-Kamra li huma skużati. Tkun ir-*

*responsabbiltà tal-Whips li jieħdu ħsieb jinfurmaw lill-Ispeaker b'dawk il-Membri li għandhom ikunu mniżżla bħala skużati u għal liema raġuni.* [...]

26. Jidher li l-Kodiċi ta' Etika huwa aktar eżiġenti mill-Ordnijiet Permanenti. Filwaqt li l-artikolu 9.1 tal-Kodiċi jippermetti assenzi minħabba safar jew mard biss, l-ordni permanenti 158 jippermetti assenzi anki minħabba xogħol tal-gvern li ma jinvolvix safar, basta l-Ispeaker ikun mgħarraf.

27. Naqbel mal-Ispeaker li l-ministri għandhom jagħti prijorità lis-seduti parlamentari fl-iskedar tal-impenji tagħhom. Biss, in vista tal-ordni permanenti 158 ma nistax b'mod raġonevoli nqis li jkun ksur ta' etika jekk ministru jassenti ruħu minn seduta parlamentari minħabba xogħol tal-gvern f'Malta, basta l-ministru jinforma l-whip tal-grupp parlamentari tiegħu. Sta għall-whip li mbagħad jinforma lill-Ispeaker.

28. Fil-każ preżenti, joħroġ ċar mir-ruling tal-Ispeaker tas-16 ta' Novembru 2022 li huwa ma kienx ġie infurmat li l-Ministru Aaron Farrugia se jkun assenti u ma approvax din l-assenza. Għaldaqstant ma tqumx il-possibbiltà li nkun qed nissindika deċiżjoni tal-Ispeaker fil-konsiderazzjoni tiegħi ta' dan il-każ.

29. Fl-email li bagħat lill-Ispeaker fil-21 ta' Novembru 2022, il-Ministru Aaron Farrugia qal li huwa kien informa lill-Whip li x'aktarx ma kienx se jasal il-Parlament fil-ħin biex iwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari. Madankollu, miniex nagħti tort lill-Whip talli ma nformax lill-Ispeaker li l-Ministru Farrugia kien se jkun assenti, għaliex il-Ministru xejn ma kien deċiż u ċar f'dak li qal lill-Whip.

30. Skont l-email tal-Ministru Farrugia lill-Ispeaker, jidher li dakinhar li qam il-każ kellu l-ħsieb jattendi l-Parlament biex iwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari wara l-laqgħa li kellu fil-Belt fl-4:20 ta' wara nofsinhar. Ma jidhirlix li din kienet possibbiltà realistika għaliex il-mistoqsijiet parlamentari normalment isiru kmieni fis-seduta u ma jkunx allokat ħin twil għalihom. Infatti l-Ministru ma jindikax li l-mistoqsijiet kienu għadhom għaddejjin x'ħin mar lura l-Parlament wara li spiċċat il-laqgħa tal-4:20.

31. Nattribwixxi dan il-każ għal ippjanar ħażin min-naħa tal-Ministru Aaron Farrugia. Il-Ministru messu skeda l-impenji tiegħu b'aktar galbu sabiex jiddeċiedi b'mod definittiv jekk kienx se jilħaq ikun preżenti fis-seduta parlamentari jew le, u sabiex jinforma lill-Whip mingħajr ebda ambigwità jekk ma kienx se jilħaq jattendi. B'hekk il-Whip kien ikun f'pożizzjoni li javża lill-Ispeaker. Biss, l-indeċiżjoni tal-Ministru ma tammontax għal ksur ta' etika, ġaladarba pprova jikkomunika mal-Whip kif mitlub mill-ordni permanenti 158.

## Konklużjoni

32. Għal dawn ir-raġunijiet jiena ddeċidejt ai termini tal-artikolu 17(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika li m'hemmx bażi biex dan l-ilment jiġi investigat.

33. Din id-deċiżjoni qed tintbagħat lill-Ilmentatur għall-finijiet tal-artikolu 17(3) tal-Att, kif ukoll lill-Ministru Aaron Farrugia bħala l-persuna li dwarha sar l-Ilment.

34. Dan id-dokument jirrappreżenta deċiżjoni li mhux se ssir investigazzjoni, u mhux rapport dwar l-eżitu ta' investigazzjoni. Għaldaqstant, b'konformità mal-proċedura maqbula fil-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, dan id-dokument mhux se jiġi ppubblikat mill-uffiċċju tiegħi.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT A

repubblika
A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

Kummissarju tal-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl
Il-Belt Valletta VLT1210

18 ta' Novembru 2022

Sur/Sinjura Kummissarju,

L-ewwelnett nifirħulek għall-ħatra tiegħek u nawgurawlek fil-ħidma delikata u kruċjali tiegħek. Repubblika tqisek bħala tarka tad-demokrazija, tas-saltna tad-dritt u taċ-ċittadin.

Jiddispjaċina li qed niktbulek mingħajr ma nindirizzawk personalment peress li l-post għadu vakat. Madankollu, ma nistgħux nistennew minħabba l-limiti li l-liġi timponi dwar it-termini taż-żmien li matulhom irid isir l-ilment.

Qed inressaq ilment dwar l-imġieba tal-Ministru Aron Farrugia nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru fejn ma daħalx fil-Kamra tad-Deputati fejn kien imissu jwieġeb domandi parlamentari. Ftit sigħat qabel, kien imxandar filmat li juri abbuż gravi minn impjegati ta' Transport Malta, li taqa' taħt il-ministeru tiegħu.

Jidhrilna li dan l-aġir huwa nuqqas gravi u ksur serju tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, aktar u aktar meta mezzi tax-xandir indikaw li huwa kien fil-bini tal-Parlament (ara link).

https://timesofmalta.com/articles/view/minister-absent-mps-raise-assault-case-parliament.994971

Fl-opinjoni tagħna, il-Ministru Farrugia naqas f'dak li huwa mistenni minnu fil-Kodiċi tal-Etika, inkluż dawn il-provvedimenti (sottolineament tagħna):

"4.2 Individwalment il-Ministri huma responsabbli lejn il-Parlament għad-deċiżjonijiet, policies u azzjonijiet tagħhom u tad-dipartimenti u l-aġenziji li jaqgħu fid-dekasteri tagħhom.

4.3 Konsegwentement il-Ministri għandhom jagħtu informazzjoni korretta lill-Parlament u għandhom jikkoreġu mal-ewwel opportunità possibbli xi żbalji jew ineżattezzi li jkunu saru b'nuqqas ta' ħsieb.

4.4 Il-Ministri għandhom bl-aktar mod possibbli jkunu miftuħa fl-għoti ta' informazzjoni lill-Parlament u lill-pubbliku in ġenerali.

....

29, Pjazza tal-Knisja, Mqabba MQB1011
contact@repubblika.org

9.1 Meta jkun qed jiltaqa' l-Parlament, huwa d-dmir tal-Ministri li jattendu s-seduti parlamentari u jipparteċipaw attivament fid-diskussjonijiet li jkunu għaddejjin fl-istadji varji li fih jirrisolvi ruħu l-Parlament kif ukoll fil-Kumitati magħżula tal-Parlament. Meta Ministru jkun imsiefer jew ma jkunx jista' jattendi seduti parlamentari minħabba mard, l-Ispeaker tal-Kamra għandu jiġi mgħarraf.

9.2 Meta jkun jiltaqa' l-Parlament, il-Ministri għandhom jaraw li l-aktar dikjarazzjonijiet u stqarrijiet importanti dwar policies jew deċiżjonijiet jiġu mħabbra fil-Parlament bħala l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż."

Repubblika hija inkwetata ħafna li l-Parlament qed jitlef il-missjoni tiegħu li jagħmel skrutinju tal-Gvern u minflok qed isir it-timbru tal-Eżekuttiv.

Ġentilment nitolbok tinvestiga din l-imġieba tal-Ministru Farrugia u li tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li jidhrulek xierqa.

Nirringrazzjak u nselli għalik,

**Dr Robert Aquilina**
President